# DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

## tat-30 ta' April 2008

## dwar l-allokazzjoni ta' kwoti għall-importazzjoni ta' sustanzi kkontrollati għall-perjodu mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru 2008 skond ir-Regolament (KE) Nru 2037/2000 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

*(notifikata taħt id-dokument numru C(2008) 1639)*

**(It-testi bil-Bulgaru, bil-Franċiż, bil-Ġermaniż, bil-Grieg, bl-Ingliż, bl-Ispanjol, bil-Latvjan, bil-Litwan, bil-Malti, bl-Olandiż, bil-Pollakk, bil-Portugiż, bis-Sloven, bit-Taljan u bl-Ungeriż biss huma awtentiċi)**

(2008/410/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 2037/2000 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar "sostanzi li jnaqqsu is-saff ta' l-ożonu" [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 7 tiegħu,

Billi:

(1) Il-limiti kwantitattivi għat-tqegħid fis-suq ta' sustanzi kkontrollati tal-Komunità huma stipulati fl-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 2037/2000 u l-Anness III tiegħu.

(2) L-Artikolu 4(2)(i)(d) tar-Regolament (KE) Nru 2037/2000 jipprojbixxi lil kull produttur u importatur li jqiegħed il-bromid tal-metil (*methyl bromide/bromur metiliku*) fis-suq jew li jużah għall-ħtiġijiet tiegħu wara l-31 ta' Diċembru 2004. L-Artikolu 4(4)(i)(b) tar-Regolament (KE) Nru 2037/2000 jippermetti deroga minn din il-projbizzjoni jekk il-bromid tal-metil huwa wżat biex jiħaq it-talbiet liċenzjati għall-użu kritiku minn dawk l-utenti identifikati kif deskritt fl-Artikolu 3(2)(ii) ta' dak ir-Regolament. Il-kwantità ta' l-bromid tal-metil liċenzjata għal użu kritiku mill-perjodu mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru 2008 huwa ppublikat f'deċiżjoni tal-Kummissjoni separata.

(3) L-Artikolu 4(2)(iii) tar-Regolament (KE) Nru 2037/2000 jippermetti deroga mill-Artikolu 4(2)(i)(d) jekk il-bromid tal-metil huwa importat jew prodott għall-applikazzjonijiet ta' kwarantina jew ta' qabel it-trasbord (QPS). L-ammont ta' bromid tal-metil li jista' jiġi mpurtat jew prodott għal dawn l-għanijiet fl-2008 m'għandux jaqbeż il-medja tal-livell ikkalkulat ta' bromid tal-metil li l-produttur jew l-importatur iqiegħed fis-suq jew li juża għall-ħtiġijiet tiegħu stess għall-QPS fis-snin 1996, 1997 u 1998.

(4) L-Artikolu 4(4)(i) tar-Regolament (KE) Nru 2037/2000 jippermetti deroga mill-Artikolu 4(2) jekk il-bromid tal-metil jiġi mportat għall-qerda jew jekk jiġi mportat biex jintuża fl-għalf.

(5) L-Artikolu 4(3)(i)(e) tar-Regolament (KE) Nru 2037/2000 jistabbilixxi il-livell totali kkalkulat ta' idrokklorofluworokarbonji (idrokloroflorokarburi) li l-produtturi u l-importaturi jistgħu jqiegħdu fis-suq jew jużaw għalihom stess fil-perjodu mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru 2008.

(6) Il-Kummissjoni ippubblikat avviż lill-importaturi fil-Komunità dwar is-sustanzi ikkontrollati li jnaqqru is-saff ta' l-ożonu [2] u ma' dan laqgħet dikjarazzjonijiet dwar importazzjonijiet ippjanati fl-2008.

(7) Għall-idroflorukarburi l-allokazzjoni tal-kwoti għall-produtturi u l-importaturi hija skond id-dispożizzjonijiet tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/195/KE tas-27 ta' Marzu 2007 [3] li tiddetermina l-mekkaniżmu għall-allokazzjoni tal-kwoti għall-produtturi u l-importaturi għall-idroflorokarburi għas-snin 2003 sa l-2009 skond ir-Regolament (KE) Nru 2037/2000 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

(8) Sabiex jiġi żgurat li l-operaturi u l-kumpaniji jibbenefikaw fi żmien xieraq mill-kwoti allokati ta' l-importazzjoni u b'hekk jiżguraw il-kontinwità meħtieġa ta' l-operazzjonijiet tagħhom, jixraq li d-Deċiżjoni tapplika mill-1 ta' Jannar 2008.

---

(1) ĠU L 244, 29.9.2000, p. 1 Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/540/KE (ĠU L 198, 31.7.2007, p. 35).

(2) ĠU C 164, 18.7.2007, p. 22.

(3) ĠU L 88, 29.3.2007, p. 51.

(9) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat stabbilit skond mill-Artikolu 18(1) tar-Regolament (KE) Nru 2037/2000.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

1. Il-kwantità tas-sustanzi kkontrollati tal-grupp I (kloroflorokarburi 11, 12, 113, 114 u 115) u grupp II (kloroflorokarburi oħra aloġenati bis-sħiħ) suġġett għar-Regolament (KE) Nru 2037/2000 li jistgħu jiġu rilaxxati għal ċirkolazzjoni ħielsa fil-Komunità fl-2008 minn għejun barra l-Komunità għandha tkun ta' 8 608 000,00 kilogrammi b'potenzjal ta' tnaqqir ta' l-ożonu (ODP).

2. Il-kwantità ta' sustanzi kkontrollati mill-grupp III (aloni) suġġett għar-Regolament( EC) Nru 2037/2000 li jistgħu jiġu rilaxxati għal ċirkolazzjoni ħielsa fil-Komunità fl-2008 minn għejun barra l-Komunità għandha tkun ta' 5 144 000,00 kilogrammi ODP.

3. Il-kwantità ta' sustanzi kkontrollati mill-grupp IV (tetrakloru tal-karbonju) suġġetti għar-Regolament (KE) Nru 2037/2000 li jistgħu jiġu rilaxxati għal ċirkolazzjoni ħielsa fil-Komunità fl-2008 minn għejun barra l-Komunità għandha tkun ta' 10 000 330,00 kilogrammi ODP.

4. Il-kwantità ta' sustanzi kkontrollati mill-grupp V (1,1,1-trikloroetan) suġġetti għar-Regolament (KE) Nru 2037/2000 li jistgħu jiġu rilaxxati għal ċirkolazzjoni ħielsa fil-Komunità fl-2008 minn għejun barra l-Komunità għandha tkun ta' 400 060,00 kilogrammi (ODP).

5. Il-kwantità ta' sustanzi kkontrollati mill-grupp VI (bromid tal-metil) suġġett għar-Regolament (KE) Nru 2037/2000 li jistgħu jiġu rilaxxati għal ċirkolazzjoni ħielsa fil-Komunità fl-2008 minn għejun barra l-Komunità għall-użu tal-kwarantina jew qabel it-trasbord, għall-għalf u għall-qerda għandha tkun ta' 1 372 411,20 kilogrammi ODP.

6. Il-kwantità ta' sustanzi kkontrollati tal-grupp VII (idrobromoflorokarburi) suġġett għar-Regolament (KE) Nru 2037/2000 li jistgħu jiġu rilaxxati għal ċirkolazzjoni ħielsa fil-Komunità fl-2008 minn għejun barra l-Komunità fl-2005 għandha tkun ta' 146,00 kilogrammi (ODP).

7. Il-kwantità ta' sustanzi kkontrollati mill-grupp VIII (idrokloroflorokarboni) suġġetti għar-Regolament (KE) Nru 2037/2000 li jistgħu jkunu rilaxxati għal ċirkolazzjoni ħielsa fil-Komunità fl-2008 minn għejun barra l-Komunità għandha tkun ta' l-ożonu ta' 10 102 977,467 kilogrammi (ODP).

8. Il-kwantità ta' sustanzi kkontrollati mill-grupp IX (bromoklorometan) suġġett għar-Regolament (KE) Nru 2037/2000 li jistgħu jkunu rilaxxati għal ċirkolazzjoni ħielsa fil-Komunità fl-2008 minn għejun barra l-Komunità se għandha tkun ta' 168 012,00-il kilogramma (ODP).

*Artikolu 2*

1. L-allokazzjoni ta' kwoti ta' importazzjoni għall-kloroflorokarboni 11, 12, 113, 114 u 115 u kloroflorokarboni oħra kompletament aloġenati matul il-perjodu li jibda mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru 2008 għandha tkun għall-għanijiet indikati u lill-kumpaniji indikati fl-Anness I.

2. L-allokazzjoni ta' kwoti ta' importazzjoni għall-halons matul il-perjodu li jibda mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru 2008 għandha tkungħall-għanijiet indikati u lill-kumpaniji indikati fl-Anness II.

3. L-allokazzjoni ta' kwoti ta' importazzjoni għat-tetraklorur tal-karbon matul il-perjodu ta' l-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru 2008 għandha tkun għall-għanijiet indikati u lill-kumpaniji indikati fl-Anness III għal dan.

4. L-allokazzjoni ta' kwoti ta' importazzjoni għall-1,1,1-trikloroetan matul il-perjodu ta' l-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru 2008 għandha tkun għall-għanijiet indikati u lill-kumpaniji indikati fl-Anness IV.

5. L-allokazzjoni ta' kwoti ta' importazzjoni għall-bromid tal-metil matul il-perjodu mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru 2008 għandha tkun għall-għanijiet indikati u lill-kumpaniji indikati fl-Anness V.

6. L-allokazzjoni ta' kwoti ta' importazzjoni għall-idrofloro-karburi matul il-perjodu ta' l-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru 2008 għall-għanijiet indikati u lill-kumpaniji indikati fl-Anness VI.

7. L-allokazzjoni ta' kwoti ta' importazzjoni għall-idrofluorokarburi matul il-perjodu ta' l-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru 2008 għandha tkun għall-għanijiet indikati u lill-kumpaniji indikati fl-Anness VII.

8. L-allokazzjoni ta' kwoti ta' importazzjoni għall-bromklorometan matul il-perjodu ta' l-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru 2008 għandha tkun għall-għanijiet indikati u lill-kumpaniji indikati fl-Anness VIII.

9. Il-kwoti ta' importazzjoni għall-klorofluorokarburi 11, 12, 113, 114 u 115, kloroflorokarburi oħra aloġenati bis-sħiħ, aloni, tetraklorur tal-karbonju, 1,1,1-trikloroetan, bromid tal-metil, idrobromoflorokarburi, idrokloroflorokarboni u bromokloroetan waqt il-perjodu ta' l-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru 2008 għandha tkun kif stabbilit fl-Anness.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika mill-1 ta' Jannar 2008 u tiskadi fil-31 ta' Diċembru 2008.

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-impriżi li ġejjin:

| | |
|---|---|
| Agropest Sp. z o.o.<br>ul. Górnicza 12/14<br>PL-91-765 Łódź | Albemarle Chemicals SAS<br>28, Étang de la Gaffette<br>F-13521 Port-de-Bouc |
| Albemarle Europe SPRL<br>Parc Scientifique Einstein<br>Rue du Bosquet 9<br>B-1348 Louvain-la-Neuve | Alcobre SA<br>C/Luis I, Nave 6-B<br>Poligono Industrial Vallecas<br>E-28031 Madrid |
| Arkema SA<br>420, rue d'Estienne D'Orves<br>F-92705 Colombes | AT-Karlovo<br>56 A, General Kartzov str.<br>Karlovo 4302<br>Bulgaria |
| Avantec SA<br>26, Avenue du Petit Parc<br>F-94683 Vincennes | Bang & Bonsomer<br>20/22 - 3 Jekaba str<br>LV-1050 Riga |
| BASF SE<br>Carl-Bosch-Str. 38<br>D-67605 Ludwigshafen | BaySystems Ibéria<br>Crta Vilaseca – La Pineda s/n<br>E-43006 Tarragona |
| Blye Engineering Co Ltd<br>Naxxar Road<br>San Gwann SGN 07<br>Malta | Bromotirrena Srl<br>Via Torino, 4<br>I-04022 Fondi (LT) |
| Calorie Fluor SAS<br>503, rue Hélène Boucher<br>ZI Buc — BP 33<br>F-78534 Buc Cedex | Desautel SAS<br>Parc d'Entreprises BP 9<br>F-01121 Montluel (Cedex) |
| Dow Deutschland Anlagegesellschaft mbH<br>Buetzflethersand<br>D-21683 Stade | DuPont de Nemours (Nederland) BV<br>Baanhoekweg 22<br>3313 LA Dordrecht<br>Nederland |
| Dyneon GmbH & Co KG<br>Werk Gendorf<br>D-84504 Burgkirchen | Empor d.o.o.<br>Leskoškova 9a<br>SLO-1000 Ljubljana |
| Etis d.o.o.<br>Trzaska 333<br>SLO-1000 Ljubljana | Eurobrom BV<br>Fosfaatweg 48<br>1013 BM Amsterdam<br>Nederland |
| Freolitus<br>Centrine g. 1D<br>Ramučiai, Kauno r. LT-54464<br>Lithuania | Fenner Dunlop<br>Oliemolenstraat 2<br>9203 ZN Drachten<br>Nederland |

| | |
|---|---|
| Fujifilm Electronic Materials (Europe) NV<br>Keetberglaan 1A<br>Haven 1061<br>B-2070 Zwijndrecht | G.A.L Cycle-Air Ltd<br>3, Sinopis Str.,<br>Strovolos<br>2835 Nicosia<br>Cyprus |
| Galco SA<br>Avenue Carton de Wiart 79<br>B-1090 Brussels | Harp International Ltd.<br>Gellihirion Industrial Estate<br>Rhondda Cynon Taff<br>Pontypridd CF37 5SX<br>United Kingdom |
| Honeywell Fluorine Products Europe BV<br>Laarderhoogtweg 18,<br>1101 EA Amsterdam<br>Nederland | Hovione Farmaciencia SA<br>Sete Casas<br>P-2674-506 Loures |
| Ineos Fluor Ltd<br>PO Box 13, The Heath<br>Runcorn, Cheshire WA7 4QX<br>United Kingdom | Laboratorios Miret SA (Lamirsa)<br>Geminis 4<br>E-08228 Terrassa (Barcelona) |
| Linde Gaz Polska Sp. z o.o.<br>al. Jana Pawla II 41 a<br>PL-31-864 Kraków | Matero Ltd<br>PO Box 51744<br>3508 Limassol<br>Cyprus |
| Mebrom NV<br>Assenedestraat 4<br>B-9940 Rieme Ertvelde | Poż-Pliszka Sp. z o.o.<br>ul. Szczecińska 45<br>PL-80-392 Gdańsk |
| PUPH SOLFUM Sp. z o.o.<br>ul. Ziemiańska 21<br>PL-95-070 Rąbień AB | Refrigerant Products Ltd.<br>Banyard Road<br>Portbury West<br>Bristol BS20 7XH<br>United Kingdom |
| Sigma Aldrich Company<br>The Old Brickyard, New Road<br>Gillingham SP8 4XT<br>United Kingdom | Sigma Aldrich Logistik GmbH<br>Riedstraße 2<br>D-89555 Steinheim |
| SJB Energy Trading BV<br>Slagveld 15<br>3230 AG Brielle<br>Nederland | Solquimia Iberia<br>C/Mexico nº 3<br>E-50196 La Muela (Zaragoza) |
| Solvay Fluor GmbH<br>Hans-Böckler-Allee 20<br>D-30173 Hannover | Solvay Organics GmbH<br>Hans-Böckler-Allee 20<br>D-30173 Hannover |
| Solvay Solexis SpA<br>Viale Lombardia 20<br>I-20021 Bollate (MI) | Syngenta Crop Protection<br>Surrey Research Park<br>30 Priestly Road, Guildford Surrey<br>GU2 7YH<br>United Kingdom |
| Tazzetti Fluids SRL<br>Corso Europa n. 600/a<br>I-10070 Volpiano (TO) | Vrec-Co Import-Export Kft.<br>Kossuth u. 12<br>HU-6763 Szatymaz |
| Wigmors<br>ul. Irysowa 5<br>PL-51-117 Wrocław | Wilhelmsen Maritime Service AS<br>Wilhelmbarentstraat 50, 3165 AB<br>Rotterdam/Albrandswaard<br>Nederland |

| | |
|---|---|
| Zakłady Azotowe w Tarnowie-Mościcach<br>ul. Kwiatkowskiego 8<br>PL-33-101 Tarnów | Zephyr Kereskedelmi és Szolgáltató Kft.<br>6000 Kecskemét<br>Tatár sor 18.<br>Hungary |

Magħmula fi Brussell, 30 ta' April 2008.

*Għall-Kummissjoni*

Stavros DIMAS

*Membru tal-Kummissjoni*

*ANNESS I*

**GRUPPI I U II**

Il-kwoti ta' importazzjoni għall-kluorofluorokarburi 11, 12, 113, 114 u 115 u kluorofluorokarburi kompletament aloġenati oħra allokati lill-importaturi skond ir-Regolament (KE) Nru 2037/2000 għall-użu fl-għalf u għall-qerda mill-perjodu ta' l-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru 2008.

| |
|---|
| Avantec S.A. (FR) |
| Ineos Fluor Ltd (UK) |
| Honeywell Fluorine Products Europe (NL) |
| Solvay Fluor GmbH (DE) |
| Solvay Solexis SpA (IT) |
| Syngenta Crop Protection (UK) |
| Tazzetti Fluids Srl. (IT) |
| Wilhelmsen Maritime Service AS (NL) |

*ANNESS II*

**GRUPP III**

Kwoti ta' importazzjoni għall-aloni allokati għall-importaturi skond ir-Regolament (KE) Nru 2037/2000 għal użi kritiċi u għalll-qerda waqt il-perjodu mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru 2008.

| |
|---|
| Avantec S.A. (FR) |
| BASF SE (DE) |
| Desautel SAS (FR) |
| Poz Pliszka (PL) |
| Wilhelmsen Maritime Service AS (NL) |

*ANNESS III*

**GRUPP IV**

Kwoti ta' importazzjoni tat-tetrakloridu tal-karbonju allokati lill-importaturi skond ir-Regolament (KE) Nru 2037/2000 għall-użu bħala għalf u għall-qerda matul il-perjodu mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru 2008.

| |
|---|
| Dow Deutschland (DE) |
| Fenner Dunlop (NL) |

*ANNESS IV*

**GRUPP V**

Kwoti ta' importazzjoni tal-1,1,1-trikloroetan allokati għall-importaturi skond ir-Regolament (KE) Nru 2037/2000 għall-użu għall-għalf u għall-qerda waqt il-perjodu mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru 2008.

| |
|---|
| Arkema SA (FR) |
| Fujifilm Electronic Materials Europe (BE) |

*ANNESS V*

**GRUPP VI**

Il-kwoti ta' l-importazzjoni għall-bromid- tal-metil allokati lill-importaturi skond ir-Regolament (KE) Nru 2037/2000 għall-kwarantina u t-trattamenti ta' qabel it-trasbord, għall-użu għall-għalf u għall-qerda matul il-perjodu mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru 2008.

| |
|---|
| AT-KARLOVO (BG) |
| Agropest Sp. z o.o. (PL) |
| Albemarle Chemicals (FR) |
| Albemarle Europe (BE) |
| Bang & Bonsomer (LV) |
| Bromotirrena Srl (IT) |
| Eurobrom B.V. (NL) |
| Mebrom N.V. (BE) |
| PUPH SOLFUM Sp. z o.o. (PL) |
| Sigma Aldrich Logistik (DE) |
| Zephyr Kereskedelmi és Szolgáltató Kft. (HU) |

*ANNESS VI*

## GRUPP VII

Il-kwoti ta' l-importazzjoni għall-idrobromoflorokarburi allokati għall-importaturi skond ir-Regolament (KE) Nru 2037/2000 għall-użu għalll-għalf waqt il-perjodu mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru 2008.

| |
|---|
| Hovione Farmaciencia SA (PT) |

*ANNESS VII*

## GRUPP VIII

Kwoti għall-importazzjoni ta' l-idrofluorokarburi allokati lill-produtturi u l-importaturi skond ir-Regolament (KE) Nru 2037/2000 u skond id-dispożizzjonijiet tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 195/2007/KE għall-għalf, għall-aġenti ta' l-ipproċessar, għar-reklamazzjoni, għall-qerda u applikazzjonijiet oħra permessi skond l-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 2037/2000 għall-perjodu 1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru 2008.

| **Produttur** |
|---|
| Arkema SA (FR) |
| DuPont de Nemours (Nederland) B.V. (NL) |
| Honeywell Fluorine Products Europe B.V. (NL) |
| Ineos Fluor Ltd (UK) |
| Solvay Fluor GmbH (DE) |
| Solvay Organics GmbH (DE) |
| Solvay Solexis SpA (IT) |

| **Importatur** | |
|---|---|
| Alcobre S.A. (ES) | Linde Gaz Polska Sp. Z o.o (PL) |
| Avantec S.A. (FR) | Matero Ltd (CY) |
| Bay Systems Iberia (ES) | Mebrom NV (BE) |
| Blye Engineering Co. Ltd (MT) | Refrigerant Products Ltd. (UK) |
| Calorie Fluor S.A. (FR) | SJB Energy Trading B.V. (NL) |
| Dyneon GmbH (DE) | Sigma Aldrich Chimie (UK) |
| Etis d.o.o. (SI) | Solquimia Iberia, S.L. (ES) |
| Etis d.o.o. (SI) | Tazzetti Fluids S.r.l. (IT) |
| Freolitus (LT) | Vrec-Co Import-Export Kft. (HU) |
| Avantec S.A. (BE) | Wigmors (PL) |
| G.AL. G.AL.Cycle Air Ltd (CY) | Wilhelmsen Maritime Service AS (NL) |
| Harp International Ltd (UK) | Zaklady Azotowe (PL) |

*ANNESS VIII*

**GRUPP IX**

Il-kwoti ta' l-importazzjoni tal-bromoklorometan allokati għall-importaturi skond ir-Regolament (KE) Nru 2037/2000 għall-użu għall-għalf waqt il-perjodu mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru 2008.

| |
|---|
| Albemarle Europe (BE) |
| Eurobrom B.V. (NL) |
| Laboratorios Miret SA (LAMIRSA) (ES) |
| Sigma Aldrich Logistik GmbH (DE) |

*ANNESS IX*

(Dan l-Anness mhuwiex ppubblikat minħabba li fih informazzjoni kummerċjali kunfidenzjali).